**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar,2016

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Dr. Marc Sant – Kap tal-Minoranza
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Kunsilliera
Is-Sinjur Massimo Scerri - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresjedat il-laqgħa.

### 56.1 Introduzjoni

56.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.10p.m. b'introduzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill- Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 55 bid-data ta' 20 ta' Diċembru 2016.

56.1.2 Ġew iċċekjati l-korrezjonijiet li kellhom isiru u wara li ġew ikkonfermati fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri, minuti nr 55 ġew approvati unanimament.

### 56.2 Punti mqajma mill-minuti

56.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq punti 55.3.29B fuq il-fondi tal-proġetti rurali.

56.2.2 Hija qalet li l-bdiewa kellmuha u jinsabu irrabjati ħafna fuq l-istat ta' Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela fl-area ta' Halmann.

56.2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk konniex applikajna għal dawn il-fondi.

56.2.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi flimkien mal-Kunsilliera ikkonfermaw li Ħal Lija m'għadiex rurali għaldaqstant ma nistgħux napplikaw.

56.2.5 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet ikkonfermat li kien sar *Swot Analysis* minn Ernest & Young fejn Ħal Lija m'għadiex titqies bħala rurali u ma jista' jsir xejn biex tinbidel din id-deċiżjoni. Hija għandha fil-pusses tagħha ir-rapport.

56.2.6 Is-Sinjorina Farrugia issuġerit li għandu jsir *patching* mill-ħaddiema tal-Kunsill.

56.2.7 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal importanti ikollna r-rapport f'idejna biex inkunu nistgħu naraw għaliex Ħal Lija inqalgħet il-barra u m'għadiex rurali u daħal is-Swieqi minnflok Ħal Lija.

56.2.8 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar għandha iġġib dan ir-rapport fl-uffiċċju tal-Kunsill.

56.2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kkonfermat li l-għar biċċa triq maqlugħa hija kollha taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill u mhux il-parti li għamel il-Gvern.

56.2.10 Is-Sinjorina Cutajar issuġerit li għandu jsir *traffic counts* ta' kemm il-karozza tgħaddi biex issir *survey* u wara dan jittieħed għand il-Ministru

56.2.11 Għandu jiġi indagat kif nistgħu nagħmlu *sensors* biex jiġi identifikat *traffic count* u anke kemm jgħaddu nies minn dik in-naħa.

56.2.12 Il-Kunsill qabel dwar dan u wara s-sensors nimxu minn hemm.

56.2.13 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 55.4.6 fuq kif konna bqajna fuq il-bus shelters.

56.2.14 Is-Segretarju nfurmat li kien ġie iċċekkjat mal-Kunsill taż-Żejtun fuq dawn il-bus shelters ġodda u huma ikkonfermaw li dawn saru mill-Malta Enterprise li l-perit tagħhom huwa il-perit John Rizzo Naudi. Ġie kkuntatjat il-Perit John Rizzo Naudi fejn għandhu jiċċekkja il-proċedura ta' kif isiru dawn il-bus shelters.

56.2.15 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha ukoll tagħmel kuntatt mal-Perit John Rizzo Naudi.

56.2.16 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li hija nnotat bus shelter ieħor, il-Mosta viċin il-pont. Hija qalet li dan il-bus shelter jidher li jista' jsir bi ftit flus. Għandu jiġi iċċekkjat dan.

56.2.17 Fuq 55.4.9 fejn il-Minority Leader staqsa fuq il-ħġieġ mkisser tal-bus shelter ta' ħdejn it-Torri, hija qalet li ġew ikkuntatjati l-FACES u li qed jistennew konsenja ta' ħġieġ għax mhux il-bus shetler tagħna biss hija mkissra imma hawn ħafna minnhom imkissrin.
56.2.18 Il-Minority Leader tkellem fuq 55.4.12 'Irrestawra Darek'
56.2.19 Huwa qal li s'issa kellmuh sitt residenti u huwa tagħhom parir biex imexxu għal rashom.
56.2.20 Il-Minority Leader qal li l-ftehim ma kienx hekk. Suppost kellu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill u l-Kunsill juża l-€500 li jieħu għal kull applikazzjoni mingħand il-Planning Authority sabiex iħallas il-Perit.
56.2.21 Is-Segretrju nfurmat li kien ġie kkuntatjat il-Perit tal-Kunsill biex naraw huwiex kompatibbli għal dan il-proġett. Huwa qal li qabel ma jikkommetti ruħu, huwa irid jiċċekkja l-affarijiet.
56.2.22 Is-Segretarju nfurmat ukoll li kienet inħarġet direttiva l-ġurnata ta' qabel wara li l-ANSEK bagħat lid-Direttur li la huma u l-anqas il-Kunsilli ma kienu ġew ikkonsultati fuq dawn il-fondi u li l-Kunsill mhux suppost joħroġ flus għal dan.
56.2.23 Il-Minority Leader staqsa fuq il-bandiera tal-Kunsill li kienet ġiet diskussa ukoll fil-laqgħa ta' qabel.
56.2.24 Is-Segretarju resqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta tal-Kunsill li kienet saret mill-Perit fl-2013.
56.2.25 Irid jiġi deċiż fejn eżatt trid tiġi din il-bandiera peress li fil-laqgħa ta' qabel kien ġie deċiż li ssir fit-traffic island u f'dan il-post mhiex tajba għal fatt li trid issir fuq bust għaliha.
56.2.26 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li hemm bżonn urġenti li tinbidel il-bandiera ta' l-uffiċċju tal-Kunsill għax spiċċat għal kollox.
56.2.27 Is-Sindku issuġerit lill-Kunsill li rridu naraw jekk il-persuna li riedet tagħmel il-bandiera fir-roundabout ta' Smart għadux interessat li jagħmilha peress li mhux ser issir fejn riedha hu.
56.2.28 Il-Kunsill qabel li l-bandiera għandha ssir fejn il-Merħba *sign* ta' Ħal Lija
56.2.29 Irid jitqabbad kuntrattur biex issir u titwaħħal il-blokka.
56.2.30 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġiet li għandha nerġgħħ nistaqsu lill-Blokrete għal sponsorship.
56.2.31 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant għandhu jistaqsi lis-Sur Fenech tal-Blokrete forsi ikunu jistgħu jissponsorjawna bi blokka u għandu jiġi ikkuntatjat is-Sur Ivan Mallia biex naraw jekk għadux interessat li jipprovdi l-bandiera u l-arblu anke bil-qis tal-bandiera.
56.2.32 Wara li nġiebu din l-informazzjoni mingħand is-Sur Mallia nagħdduha lill-Minority Leader Dr. Marc Sant biex ikun jista' jikkuntattja lis-Sur Fenech tal-Blokrete.
56.2.33 Is-Sinjorina Farrugia tkellmet fuq 55.2.24 fuq l-arblu ta' Triq id-Dejqa.
56.2.34 Hija qalet li l-EneMalta xorta waħlu l-arblu fi Triq id-Dejqa allavolja għamlu toqba oħra fil-*concrete imprint* u l-Kunsill ma ġiex infurmat.
56.2.35 Issa iktar u iktar komplew jitwwaħlu l-wires ta' l-EneMalta u entitajiet oħra ma' dan l-arblu.
56.2.36 Tkompliet diskussjoni fuq l-arblu fejn is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li oriġinarjament il-wires kienu man-naħa ta' l-arblu u li għamlu huwa li reġgħu poġġew kollox kif kien oriġinarjament..

56.2.37 F'din il-kwistjoni daħal l-Ombudsman u huwa ta rakkomandazzjoni biex isir dan l-arblu.

56.2.38 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija kienet marret fuq il-post dakinhar meta ġiet infurmata li kien ser jitwaħal l-arblu. Fuq il-post kien hemm ħafna residenti joġġezzjonaw u anke kellhom jiġu il-pulizija.

56.2.39 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lil l-Ombudsman ta' l-Ambjent is-Sur Pace u jiġi ikkupjat l-Ombudsman is-Sur Mifsud bil-kummenti li kienet kitbet ir-residenta, li anke l-Kunsill ma kienx ġie nfurmat u li irid isir *reinstatement* bil-*concrete imprint*.

56.2.40 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq 55.4.25 fuq ir-refreshing taz-zebra crossing ta' Naxxar Road

56.2.41 Is-Segretarju infurmat li irċevejna kwotazzjoni mingħand il-Koptasin li tammonta għal €613.60.

56.2.42 Is-Segretarju esprimit li hija tinsab imħassba li Transport Malta idumu biex iħallsu għal dawn ix-xogħolijet għalkemm meta saret il-laqgħa mat-Transport Malta, dawn qalu li mhux ser jiġi hekk.

56.2.43 Din il-kwotazzjoni l-ewwel trid tiġi approvata mill-Kunsill u wara tintbagħat lil Transport Malta għal l-approvazzjoni tagħhom biex imbagħad jingħata ix-xoghol lill-Koptasin.

56.2.44 Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

56.2.45 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fejn waslu x-xogholijiet ta' Triq Giuseppe Cali u anke ta' Triq Preziosi fir-rigward ta' parking bays u sinjali.

56.2.46 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li qegħdin nippruvaw nirranġaw data meta nkunu nistgħu mmorru mal-Perit 'On site' fuq dawn ix-xogħolijiet.

56.2.47 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill ukoll li dakinhar stess wasal fl-uffiċċju tal-Kunsill il-kont ta' €1,825 li huwa l-preparazzjoni tal-BOQ's fuq il-proġett ta'l-isqaqien.

56.2.48 L-Accountant talbet lill-Kunsill biex jara xi proġetti li l-Kunsill kellu f'moħħu għas-sena 2017 biex tkun tista' tnizzilhom fil-Budget għal din is-sena. Intalbet il-BOQ's fuq il-proġett ta' l-isqaqien mingħand il-Perit għal dan il-għan.

56.2.49 Is-Segretarju reġgħet infurmat lill-Kunsill li l-prioritajiet irid jiddeċidihom qabel ma' jissejjaħ il-Perit biex imur 'on site' fuq dawn ix-xogħolijet.

56.2.50 Il-ħin issa huwa 5.45p.m. u l-laqgħa ġiet sospenduta għaliex ġew xi residenti minn Triq id-Dejqa biex jitkellmu mal-Kunsill

56.2.51 Dawn ir-residenti ressqu quddiem il-Kunsill id-disapprovazzjoni tagħhom li twaħħal l-arblu flimkien mal-wires fi Triq id-Dejqa fuq arblu eżatt mad-dar tagħhom.

56.2.52 Is-Sindku nfurmat lil dawn ir-residenti li kien għadu kif ġie deċiż li ser tinkiteb ittra mill-Kunsill lil l-Ombudsman fejn nesprimu li l-Kunsill f'ebda ħin ma ġie ikkonsultat li kien ser jitwaħħal dan l-arblu, li saret toqba fuq il-*concrete imprint* il-ġdid mingħajr ma l-Kunsill kien ġie ikkonsultat ukoll.

56.2.53 Ir-residenta nfurmat lill-Kunsill li l-Ombudsman ta' l-Ambjent iddeċieda li isir dan l-arblu u ma reġgħax lura mid-deċiżjoni tiegħu għax qal li l-piż għandu jinqasam fuq kulħadd u mhux fuq persuna waħda biss u biex it-triq tkun iktar tidher nadifa.

56.2.54 Fl-ittra li ser tintbagħat lil l-Ombudsman, dawn ir-residenti ser jiġu ikkupjati.

56.2.55 Il-ħin huwa 5.55p.m., ir-residenti ħarġu mill-kamra tal-Kunsill u l-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u VIP List

### LAQGĦA TAL-LOKALITA'

56.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq l-item l-ieħor ta' l-Agenda li hija il-laqgħa tal-Lokalita'

56.3.2 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fis-6.30p.m. u ġie deċiż ukoll li l-laqgha tal-Kunsill issir fl-istess ġurnata fl-4.30p.m.

### APPROVAZZJONI TA' L-APPRAISAL REPORTS TAL-ĦADDIEMA TAL-KUNSILL

56.3.3 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-appraisal reports tal-ħaddiema tal-Kunsill biex il-Kunsill jevalwa u jiddeċiedi fuq l-approvazzjoni tal-performance bonus. Il-full performance bonus ta' (6%) ġew approvati unanimament lis-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin, s-Sinjorina Pamela Borg u s-Sinjura Audrey Pace.

56.3.4 Ġie diskuss ukoll l-appraisal report tas-Segretajru Eżekuttiv. Is-Segretarju ġiet imsejjħha u ġiet infurmata li kien ġie approvat unanimament il-full performance bonus (10%) tagħha ukoll.

56.3.5 Dan għandu jitressaq quddiem id-Direttur tal-Gvern Lokali għal l-approvazzjoni tiegħu.

56.3.6 Resident qed jagħmel request biex issir sleeping policeman quddiem l-istatwa ta' San Pawl, fi Triq il-Forn, kantuniera ma' Triq Sir Ugo Mifsud, kif toħroġ minn ħdejn il-bars u tiġi ħdejn il-knisja. Dan ir-resident qed jissuġerixi wkoll li jsiru, żewġ sleeping policeman żgħar biex in-nies inaqqsu l-ispeed.

56.3.7 Din diġa ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill pero il-Kunsill talab ritratt ta' dan ir-request peress li ma kienx ċar fejn din qed tiġi mitluba biex issir.

56.3.8 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan ir-request ġie deċiż li għandna nistaqsu lir-residenti jekk għandhomx oġġezzjonijiet anke għal fatt li min staqsa għaliha mhuwiex resident hemmhekk.

56.3.9 Residenta qed tagħmel request biex fi Triq il-Kbira jsiru kemm slow sign u kif ukoll sleeping policeman viċin l-Percius Confectionery kif ukoll li l-sleeping policeman li hemm fid-dawra ta' triq il-kbira tinqala u isir aktar il-quddiem. Dan għaliex il-karozzi jgħaddu bi speed qawwi ħafna u milhux kien se jkollha aċċident u jtajruha.

56.3.10 Ġie deċiż li m'għandux jiċċaqqlaq xejn qabel ma nistaqsu lir-residenti jekk għandhomx xi oggezzjoni.

56.3.11 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill *Reserved parking application* ta' resident li joqgħod fi Triq Egidio Lapira.

56.3.12 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq dan ir-request għal reserved parking.

56.3.13 Ċittadina qiegħda tressaq *request* għal *reinbursement* ta' *damages* li kienet għamlet fil-karozza tagħha f'Novembru 2015 fejn il-Kunsill għadu ma deċidiex fuqha. Ir-request kienet intbaghtet kemm lill-*rainfall section* fejn qalu li hija responsabilta' tal-Kunsill u kemm lill-Perit fuq il-proġett ta' l-għarar.

56.3.14 Is-Sindku qalet li din hija dilemma għax ghalkemm dan il-*claim* hija biss ta €40.00, il-Kunsill ikkommetta ruħu mad-Direttur li mhux ser iħallas iktar *claims*.

56.3.15 Barra minnhekk it-tappiera fejn tinsab dejjem tinqagħla l-istess mistoqsija, ma liema Kunsill tagħmel eżatt peress li tinsab fil-*boundaries* ta' bejn Ħal Lija u Ħal Balzan u iktar u iktar hija tinsab fi Triq arterjali.

56.3.16 TM approvaw id-*double yellow lines* mal-ġnub tal-garage fi Triq Mikielang Borg tar-resident li joqgħod fid- dar numru 22.

56.3.17 Il-Kunsill approva li isiru dawn il-*yellow lines*.

56.3.18 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk nistgħux inkunu nafu kemm hawn residenti li qed jagħmlu użu mill-website tal-webee.

56.3.19 Is-Sur Etienne Borg obo Webee tana dawn il-figuri ta' kull xahar minn meta ġiet *launched* din il-website:
October 2016: 143 *users*
November2016: 863 *users*
December 2016: 1,125 *users*
Januaray 2017 (till 12th January): 333 *users*

56.3.20 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant issuġerixxa ukoll li f'din il-website tal-webee naraw jekk nistgħux inpoġġu l-link tal-live streaming kif għandha fil-website tal-gvern.

56.3.21 B'hekk residenti jkunu jistgħu jaraw il-laqgħa *live streamed* b'mod ieħor u fl-istess ħin ikunu qed jużaw il-website tal-webee. Din hija possibli ssir għax il-Kunsill iċċekja mas-Sur Etienne Borg tal-Webee u anke mas-Sur Mallia tal-correct termination.

56.3.22 Kull ma rridu nibgħatulhom email biex joħolqu link min-naħa tagħhom u dan kollox inkluż fil-package li l-Kunsill diġa għandu, m'hemmx ħlas extra.

56.3.23 Il-Kunsill qabel li ma din il-proposta li tinħoloq link bejn il-website u l-live streaming u anke in-notices indaħħluhom kemm fuq il-website u kemm fil-Facebook u jiġu ixxerjata il-link bejniethom.

56.3.24 Residenta li toqghod Triq Ħal Bordi qed tagħmel request biex il-garbage jibda jinġabar tard filgħaxija għal xi 7:00pm. Dan biex tevita *traffic congestion* ta' filgħodu li kulhadd ikun sejjer għax-xogħol u trid issuq wara tal-garbage bilfors speċjalment f' toroq dojoq.

56.3.25 Fuq din ir-request is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet li fit-tender il-ġdid għandu jiġi deċiż eżatt il-ħin tal-ġbir li l-Kunsill qabel li jkun f'xi ħin filgħaxija, anke minħabba t-traffiku u li għandhom jintużaw trukkijiet żgħar.

56.3.26 Dan l-arrangament b'eċċezzjoni għal ġranet tal-Festa f'Awwissu fejn il-ġbir isir filgħodu.

56.3.27 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, issuġerit li għal ġranet tal-Festa il-ġbir isir ukoll bil-lejl speċjalment għall-bars.

56.3.28 Is-Sindku qalet li dawn is-suġġerimeni ser neħduhom u l-kuntratt irid ikun għalina biss.

56.3.29 Il-Kunsilliera komplew jitkellmu fuq il-ħinijiet tal-ġbir ta' skart fejn din intogħġbot l-idea bħal ċerti Kunsilli oħra li l-ġbir isir filgħaxija. Dan għad irid jiġi deċiż mill-Kunsill.

56.3.30 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit li f'Ħal Lija ikun hawn bin għal minn irid jarmi xi ħwejjeġ.

56.3.31 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ġie deċiż li dan isir ħdejn l-iskola.

56.3.32 Għandha tiġi kkuntatjata l-Headmistress għal l-approvazzjoni tagħha peress li din ser issir ħdejn l-iskola.

56.3.33 Request permess ta' ittra mingħand resident biex jagħmel culvert fit-tarf ta' sqaq numru 1 fi Triq il-Kunċizzjoni b'katusa ta' 3 pulzieri biex jgħaddi l-ilma ta' xita minn taħt it-tarmac għan-naħa l-oħra ta' triq biex imur fil-bir tiegħu. Dan ix-xogħol huwa għas-spejjes tiegħu.

56.3.34 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request.

56.3.35 L-accountant tal-Kunsill qiegħda tagħmel request lill-Kunsill biex ikollha printer tajba għaliex qegħeda sib diffikultajiet biex taħdem bil-printer li għandha u għalhekk ma tkunx tista taħdem kif suppost.

56.3.36 Kwotazzjonijiet tal-Printers – **Klikk €179.00** (mingħajr installation)
**MB €236.00** bl-installation b'kollox u aktar *economical* u *feasible* għaliex jagħtina

6000 *pages per bottle* (kull bottle jiswa €25 ) meta bil-printer li għandna bħalissa bit-toners, kull tonner jagħtina biss 1600 *pages* (kull toner jiswa €35) **SCAN €364.90** (mingħajr installation).

56.3.37 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u qal li għandha tinxtara photocopier u printer f'daqqa kif kien ġie deċiż snin ilu.

56.3.38 Ġie deċiż li jinġiebu kwotazzjonijiet ta' Cannon u Xerox printerċphotocopier u li jintużaw toners u wara l-Kunsill jiddeċiedi.

56.3.39 Meta jinxtara dan il-printer ser ikun *shared* fl-uffiċċini kollha ta' fuq tal-Kunsill.

56.3.40 Tressqet e-mail mingħand l-avukat tal-Kunsill Dr. Kris Balzan fejn il-Kunsill kien staqsa x'hini l-pożizzjoni tiegħu rigward – *Termination of Contract – Domestic Waste* Collection wara li l-Kunsill hareg tlett warning letters u zewg default notices.

56.3.41 F'din l-email l-avukat qed jistaqsi ħafna domandi u qed jgħid li irid ikollna biżżejjed *grieveness* biex inwaqqfu dan is-servizz.

56.3.42 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet ukoll li diġa bdejna naħsbu minn issa għat-tender li ser tagħlaq f'Settembru 2017 għax ta' l-inqas sitt xhur qabel din trid tiġi iċċekkjata mid-Dipartment allura għandna nħallu kollox kif inhu.

56.3.43 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qed jissuġerixxi li għandna nwaqqfu l-kuntratt u sakemm tinħareġ it-tender il-ġdida nqabbdu l-Emergency Services.

56.3.44 Irid jiġi aċċertat li bi tlett warnings u żewġ default notices, il-Kunsill jista' jtemm il-kuntratt għalhekk għandna nerġgħu nistaqsu lid-Direttur tad-Dipartiment.

56.3.45 Ġie deċiż li nistaqsu lid-Dipartiment kemm jieħu ħin biex inqabbdu għal l-Emergency Service tal-ġbir ta' skart. Dan peress li l-kuntratt ser jiskadi f'Settembru ta' din is-sena.

56.3.46 Is-Segretarju anke tkellmet fuq ix-xogħol li qed isir fil-ġnien mill-kuntrattur.

56.3.47 Hija qalet li ix-xogħol għadu mhux kollu lest għax hemm xi ħadid li għad irid jitwaħħal u xi affarijiet oħra.

56.3.48 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet ukoll għandu jiġi bil-high up biex jiżbor il-*bushes* ta' quddiema. Dan wara li sarulu diversi requests biex isiru dawn ix-xogħolijiet u anke inbarxu xi karozzi maz-zkuk.

56.3.49 Il-Kunsill mhux kuntent bil-performance ta' kuntrattur tal-ġnien l-aktar u għalkemm mhux qed ikollna daqshekk *complaints* fuq il-knis xorta waħda qed nikkuntattjaw lill-Kuntrattur ta' spiss biex inressqu lmenti li naraw aħna.

56.3.50 Is-Segretarju qed tinsisti li għandna niltaqgħu ma' dawn iż-żewġ kuntratturi fil-preżenza tal-Kunsill.

56.3.51 Tressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ritratt ta' Triq Annibale Preca biex il-Kunsill jiddeċidi fejn ser napplikaw għaz-zebra crossing.

56.3.52 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera fuq dan u ġie deċiż li din issir quddiem l-ewwel dar ta' Triq tal-Mirakli fit-tarf tat-taraġ.

56.3.53 E-mail mingħand resident rigward xi requests li jrid fuq Triq Preziosi. Dawn huma double yellow lines mal-ħajt ta' dar ta' residenta oħra u r-request l-oħra hija restricted parking area ħdejn il-bieb ċentrali ta' Villa Francia.

56.3.54 Irid jiġi identifikat eżatt dan ir-resident x'qed jistaqsi.

56.3.55 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill tlett kwotazzjonijiet għal l-Insurance tal-van tal-Kunsill u l-liċenzja

56.3.56 Elmo Insurance which we were insured last year - €764.05,

56.3.57 Gasan & Mamo - €769.93,

56.3.58 Mapfre Insurance – €763.27

56.3.59 Citadel Insurance - € 757.05

56.3.60 Is-Segretarju nfurmat li l-van mhux qiegħed fi stat tajjeb

56.3.61 Ġie deċiż mill-Kunsill li inżommu lil Elmo Insurance għall-van tal-Kunsill li ser tiskadi fi Frar 2017.

56.3.62 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-petizzjoni dwar ir-road hump fi Triq il-Kunċizzjoni ffirmata mir-residenti.

56.3.63 Is-Sur Massimo Scerri fakkar lill-Kunsill li r-road hump kienet diġa teżisti imma kienet tneħħiet u residenti ipproponew li jekk terġa ssir għandha ssir mhux mal-wisgħa kollha tat-triq imma isiru tnejn mal-ġnub.

56.3.64 Skond il-petitizzjoni kien hemm iktar nies li approvaw li għandha ssir.

56.3.65 Il-Kunsill approva li għandha ssir.

56.3.66 Tressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Valletta 2018 Foundation Programme.

56.3.67 Il-Kunsill qabel ma' dan il-programme u qabel li għandna ninfurmaw lin-nies billi l-programm inġibuh fuq il-website u fuq il-facebook.

56.3.68 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet request minn xi ħadd li voluntarjament fil-Mitħna ikun jista' jiġi organizzati xi exhibitions, issa li l-binja ta' ħdejn il-Mitħna telgħet.

56.3.69 Il-Kunsill qabel ma' dan imma l-Mitħna trid tkun attrezzata bil-bżonnijiet kollha.

56.3.70 Is-Sindku qalet li jekk isiru exhibitions, il-Kunsill ikun irid jitħallas.

56.3.71 Din il-persuna torganizza hi l-exhibitions u l-arranġamenti u iġib in-nies hu. Min jieħu sehem irid iħallas lill-Kunsill.

56.3.72 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid ikun jaf bid-dati biex ikun jista' jorganizza l-attiviatajiet tiegħu bħal *wine tasting sessions.*

56.3.73 Is-Sindku, nfurmat lill-Kunsill li dakinhar filgħodu ġie xi ħadd mill-Ambaxxata Libjana, is-Sur Ahmed Lamin

56.3.74 Is-Sur Lamin informa li huma lesti li jieħdu parti f'attivitajiet multikulturali li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jorganizza f'Jum Ħal Lija.

## 56.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-Merħba sign li kien hemm qabel. Għandu jiġi iċċekkjat dan.

56.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-bollards li kien hemm fi telgħa ta' Triq Preziosi għaliex nqalgħu ħafna minnhom u kull ma tħallew huma erba'.

56.4.3 Is-Segretarju nfurmat li dawn inqalgħu minħabba xogħolijiet li għadhom għaddejjin fi Triq il-Mosta.

56.4.4 Irid jiġi assigurat li dawn jerġgħu jitwaħħlu kollha.

56.4.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li mill-fabbrika ta' Hal Mann hemm kamra mimlija ramel u l-ħajt qed jintefaħ lejn it-Triq Limiti ta' Seguna.

56.4.6 Ġie deċiż li għandna nitkellmu mas-Sur Vella ta' Hal Mann fuq dan l-ilment.

56.4.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tisuġerixxi jekk tistax issir plate bl-isem 'Limiti ta' Seguna'

56.4.8 Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment

56.4.9 Is-Sinjorina Farrugia qalet ukoll li minn Nestle sa ċ-żimiterju ta' l-Abbati m'hemmx isem tat-triq.

56.4.10 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk inkunux nistgħu niktbu lill-Kurja fuq iċ-ċimterju ta' l-Abbati.

56.4.11 Il-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li hija flimkien mas-Segretarju kienu tkellmu mal-Kappillan u hu qal li l-prijorita' tiegħu hija l-Knisja tal-Bellia.

56.4.12 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant reġgħa fakkar lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgħa 25 ta' Jannar hemm il-laqgħa mal-MEPA fuq ir-Restawr tat-Torri

56.4.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet lill-Kunsilliera feedback fuq il-binja ta' Triq Daniel Sammut li kieku kellhom jagħtu livell sa fejn tiġi mibnija il-binja sakemm jaslu.

56.4.14 Il-Kunsilliera qablu li imorru għal 3 + 1 retracted biex jiġu daqs il-binjiet l-oħra.

56.4.15 Il-Minority Leader staqsa fuq it-Tours li ser jigu organizzati u jekk aħniex interssati li nieħdu sehem.

56.4.16 Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem biex jiġu organizzati dawn it-tours u li nistgħu nagħtu l-Heritage Walk.

56.4.17 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-latrini u jekk il-Kunsill ikkommettix ruħu li jieħu sehem fuq il-proġett tal-PPP

56.4.18 Is-Sindku qalet li ma ikkommettejniex ruħna fuq il-latrini meta gejna imsejjħin għall-laqgħa peress li kien għadu kemm ġie ffirmat il-kuntratt il-ġdid

56.4.19 Għandu jiġi iċċekkjat x'kien ġie mifthiem fuq il-latrini u jekk konniex semmejna iż-żewġ latrini anke għal fatt li l-latrina tal-ġnien biss hija aċċessibbli għall-wheelchair

## 56.5 Rapporti - Budget 2017

56.5.1 Is-Segretarju ppreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill il-Budget 2017 biex jiġi approvat.

56.5.2 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill li l-Accountant skużat ruħha għax ma settetx tattendi għal din il-laqgħa pero hija qalet li il-Kumitat tal-finanzi kien iltaqa nhar il-Ħamis it-12 ta' Jannar 2017 u iddiskuta dan il-Budget

56.5.3 Wara li dan jiġi approvat jitnizzel fuq it-template il-ġdid li d-Dipartiment ħejja.

56.5.4 Il-Kunsilliera iddiskutew dan il-Budget u iddiskutew ukoll l-€10,000 li d-Dipartiment alloka għal din is-sena biex jintużaw għat-turiżmu

56.5.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li nieħdu sehem fil-Cultural Tours

56.5.6 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li ġew budgeted ftit fondi fuq il-kunċert li l-Kunsill b'ħsiebu jorganizza kull ġimgħa għal xi xahar.

56.5.7 Il-Minority Leader qal li irridu naħsbu għall-sponsors.

56.5.8 Is-Segretarju issuġerixxa u l-Kunsill qabel li li-Budget għall-xogholijiet tal-Perit għandha tiżdied peress li l-ammont imniżżel fuq il-Budget mhux ser ikun biżejjed għal din is-sena għaliex hemm xi xogħolijiet li jridu isiru.

56.5.9 Il-Budget ġie approvat unanimament.

## 56.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

56.6.1 Items oħra ma kienx hemm.

## 56.7 Attivitajiet

56.7.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ġie ikkonfermat li l-Festival taċ-Ċitru għal din is-sena mhux ser issir

56.7.2 Hija ikkonfermat li kienet iċċekkjat mal-Kappillan fuq l-*availability* f'Tal Mirakli imma ma kienx *available.*

## 56.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

56.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għal dan ix-xahar.

56.8.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

56.8.3 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-pagamenti ġew approvati unanimament. Is-Segretarju nfurmat li ħlas fuq il-petty cash ma sar xejn matul dan ix-xahar allura ma kienx hemm pagament fuq il-petty cash biex jiġi approvat.

## 56.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.9.1 Il-laqgħa intemmet fi 19:50 hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fil-4:30pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |